

# L-Ugwaljanza tal-Ġeneru

## It-Tisħiħ tal-Ugwaljanza tal-Ġeneru fl-Industriji tat-Tessuti, il-Ħwejjeġ u ż-Żraben

# RAKKOMANDAZZJONIJIET


Sħubija

FESETE GWU DISK

B'kofinanzjament mal-Unjoni Ewropea

**Il-Kummissjoni Ewropea**
**Id-DĠ għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni**
**INTESTATURA TAL-BAĠIT** 04 03 03 02
Miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema

It-Tisħiħ tal-Ugwaljanza tal-Ġeneru fl-Industrija tat-Tessuti, il-Ħwejjeġ u ż-Żraben (TĦZ) u fl-organizzazzjoni tal-*unions* tal-ħaddiema, biex jitnaqqsu d-diskrepanzi li għadhom jeżistu bejn l-irġiel u n-nisa fix-xogħol u fil-ħajja tal-familja

Ftehim dwar l-Għotja - VS/2013/0218

# DOKUMENT BIR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

**2014**

# SĦUBIJA

FESETE

Il-Federazzjoni tal-*Unions* tal-Ħaddiema Portugiżi tat-Tessuti, is-Suf, il-Ħwejjeġ, iż-Żraben u l-Ġilda

Organizzazzjoni ta' *Trade Union* Settorjali Portugiża

Porto - Il-Portugall | + 351226002377
fesete@netcabo.pt | www.fesete.pt

GWU - General Workers' Union

Organizzazzjoni ta' *Union* Maltija

Valletta - Malta | + 356 2567 9231
research@gwu.org.mt | www.gwu.org.mt

DISK Tekstil

Organizzazzjoni ta' *Trade Union* Settorjali Torka

Istanbul - It-Turkija | + 90 212 637 2900
international@disktekstil.org | www.disktekstil.org

# WERREJ


1. QAFAS ........................................................................................................ 3

2. RATIFIKAZZJONI TAL-KONVENZJONIJIET TAL-ILO ........................................... 5

3. TRASPOŻIZZJONI TAD-DIRETTIVI TAL-UNJONI EWROPEA ................................ 7

4. LEĠIŻLAZZJONI FUQ L-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET TAL-ĠENERU FIL-PAJJIŻI MSIEĦBA ...................................................................................................9

5. QAFAS GĦALL-UGWALJANZA TAL-ĠENERU FL-INDUSTRIJI TĦZ ....................... 13

6. RAKKOMANDAZZJONIJIET ........................................................................ 14

# 1. QAFAS

Dan id-dokument bir-rakkomandazzjonijiet ġie mħejji taħt il-proġett *It-Tisħiħ tal-Ugwaljanza tal-Ġeneru fl-Industriji tat-Tessuti, il-Ħwejjeġ u ż-Żraben (TĦZ) u fil-unions tal-ħaddiema, biex jitnaqqsu d-diskrepanzi li jeżistu bejn l-irġiel u n-nisa fix-xogħol u fil-ħajja tal-familja* iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea. Il-proġett ikkoordinat mill-FESETE - il-Federazzjoni tal-*Unions* tal-Ħaddiema Portugiżi tat-Tessuti, is-Suf, il-Ħwejjeġ, iż-Żraben u l-Ġilda - f'livell nazzjonali u settorjali, bi sħab mal-GWU - il-General Workers' Union, *union* Maltija tal-ħaddiema, u DISK Tekstil – *union* Torka tal-ħaddiema tat-tessuti, f'livell nazzjonali u settorjali.

Dan il-proġett għandu l-għan li *jintegra l-perspettiva tal-ġeneru fl-istruttura tal-unions tal-ħaddiema permezz ta' informazzjoni u miżuri fuq ir-rappreżentazzjoni bilanċjata tal-irġiel u n-nisa fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, li jappoġġjaw bilanċ bejn ix-xogħol, il-familja u l-ħajja personali, billi jiġġieldu d-diskrepanzi fil-pagi, jagħtu aċċess għal taħriġ vokazzjonali, isaħħu l-idea li għandhom il-ħaddiema fuq l-ugwaljanza fit-tqassim tax-xogħol tal-familja u li jifhmu jekk in-nisa humiex u jħossuhomx affettwati fil-ħajja professjonali tagħhom minħabba n-nuqqas ta' organizzazzjoni u t-tqassim tax-xogħol fil-familja tagħhom. Il-proġett jindirizza wkoll il-kwistjoni tal-ġeneru fl-azzjonijiet tal-imsieħba soċjali, bħal, imma mhux limitat biss għal, djalogu soċjali, negozjar kollettiv u rakkommandazzjonijiet.* Għaldaqstant, l-għan speċifiku tiegħu hu "Li jgħin fl-implimentazzjoni ta' miżuri li jkissru r-rwoli u l-isterjotipi tradizzjonali tal-ġeneru identifikati bħala ostakli għall-kisba tal-ugwaljanza tal-ġeneru fis-suq tax-xogħol u li jistgħu jaffettwaw il-bilanċ bejn il-ħajja professjonali u tal-familja għall-irġiel u n-nisa."

Dan l-istrument hu r-riżultat tal-kisba ta' dan l-għan speċifiku u l-ħsieb ewlieni tiegħu hu li jappoġġja l-attività tal-*unions* tal-ħaddiema, b'mod

speċjali fil-kuntest tan-negozjar kollettiv f'livell nazzjonali u ta' kumpanija, biex jippromwovi l-ugwaljanza tal-ġeneru permezz tal-implimentazzjoni ta' politika li tħares lin-nisa u d-dritt tagħhom għal xogħol dinjituż, u għal bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja li, kull meta jkun possibbli, jippermetti lill-ħaddiema (lill-omm u lill-missier) li jaqsmu r-responsabbiltajiet tagħhom lejn uliedhom.

Permezz tal-istħarriġ, bl-użu ta' kwestjonarju, is-sħubija ta' dawn il-pajjiżi fittxet li tifhem il-qafas leġiżlattiv u regolatorju li hemm fis-seħħ f'kull pajjiż, f'dak li għandu x'jaqsam mal-promozzjoni tal-ugwaljanza tal-ġeneru u l-promozzjoni tal-bilanċ bejn il-ħajja tal-familja u l-ħajja professjonali. Fl-ewwel stadju, dan l-istħarriġ fittex li jsib li huma dawk il-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), dwar l-ugwaljanza tal-ġeneru, li ġew ratifikati mill-pajjiżi msieħba.

Wara dan, ippruvajna nsibu x'kien il-livell tat-traspożizzjoni tad-direttivi tal-UE fil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' kull pajjiż, mingħajr ma ninsew li din is-sħubija tinkludi żewġ membri tal-Unjoni Ewropea, il-Portugall u Malta, u pajjiż applikant, it-Turkija.

Wara li vvalidajna jekk il-pajjiżi msieħba ttraspostawx jew le r-rakkomandazzjonijiet tal-ILO u tad-Direttivi tal-Unjoni Ewropea, evalwajna l-iskop tal-qafas leġiżlattiv, f'livelli nazzjonali, fejn tidħol il-promozzjoni tal-ugwaljanza tal-ġeneru u l-eliminazzjoni ta' dawk il-fatturi li jġibu 'l quddiem id-diskriminazzjoni tal-ġeneru fil-postijiet tax-xogħol. Fittixna wkoll li nsibu kif inhu applikat in-negozjar kollettiv settorjali fit-tliet pajjiżi u x'inhu l-iskop tal-applikazzjoni tiegħu.

Fl-aħħar nett, qed nippreżentaw sett ta' rakkomandazzjonijiet, li din is-sħubija ta' pajjiżi hi impenjata għalih, biex tinġieb 'il quddiem l-ugwaljanza tal-ġeneru fl-attivitajiet tal-*unions* tal-ħaddiema tagħhom u fl-iskop tan-negozjar kollettiv tagħhom.

## 2. RATIFIKAZZJONI TAL-KONVENZJONIJIET TAL-ILO

Fl-1951, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) approvat il-Konvenzjoni Nru 100, li tistabbilixxi għall-ewwel darba f'Artiklu 1 l-espressjoni *"ħlas indaqs għall-irġiel u n-nisa għal xogħol ta' valur ugwali"*, b'referenza għal rati ta' remunerazzjoni stabbiliti mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.

Artiklu 2 isemmi li *"Kull Membru għandu, b'mezzi xierqa għall-metodi fl-operat għad-determinazzjoni tar-rati tar-remunerazzjoni, jippromwovi u, safejn ikun konsistenti ma' dawn il-metodi, jiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' remunerazzjoni ndaqs għall-ħaddiema rġiel u nisa kollha għal xogħol ta' valur ugwali"*. Iżid ukoll li l-integrazzjoni ta' dan il-prinċipju għandha tkun applikata, fost strumenti regolatorji oħra, permezz ta' ftehimiet jew ftehimiet kollettivi bejn min iħaddem u l-ħaddiema.

Fl-1952, ġiet approvata l-Konvenzjoni Nru 103, dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-maternità (li aktar tard ġiet riveduta bil-Konvenzjoni Nru 183 fl-2000). Il-Konvenzjoni tfassal sett ta' drittijiet għall-ħaddiema nisa fejn jidħol id-dritt tagħhom għal *leave* tal-maternità u d-dritt għal benefiċċji fi flus waqt li jkunu bil-*leave* tal-maternità.

Aktar tard, fl-1958, l-ILO adottat il-Konvenzjoni tagħha Nru 111 dwar id-Diskriminazzjoni relatata max-Xogħol u l-Impjiegi. Din il-Konvenzjoni testendi l-kunċett ta' diskriminazzjoni fix-xogħol permezz ta' Artiklu 1 tagħha *"a) kwalunkwe distinzjoni, esklużjoni jew preferenza magħmula fuq bażi ta' razza, kulur, sess, reliġjon, opinjoni politika, nisel nazzjonali jew oriġini soċjali, li għandu l-effett li jannulla jew ixekkel l-ugwaljanza tal-opportunità jew tat-trattament fix-xogħol jew fl-impjieg; b) kull distinzjoni oħra, esklużjoni jew preferenza li għandha l-effett li tannulla jew ixxekkel l-ugwaljanza tal-opportunità jew tat-trattament fix-xogħol jew fl-impjieg kif jista' jiġi ddeterminat mill-Membru konċernat wara konsultazzjoni mal-*

*għaqdiet tar-rappreżentanti ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, fejn jeżistu, u ma' korpi oħra xierqa.”*

L-applikazzjoni ta’ din il-Konvenzjoni tipprovdi li *“Kull Membru li għalih din il-Konvenzjoni hi fis-seħħ għandu jassumi li jiddikjara u jsegwi politika nazzjonali maħsuba biex tippromwovi, b’metodi xierqa għall-kundizzjonijiet u l-prattika nazzjonali, l-ugwaljanza tal-opportunità u t-trattament fix-xogħol u fl-impjieg, bil-ħsieb li jelimina kull diskriminazzjoni f’dan ir-rigward”*.

Fl-1981, peress li r-rakkomandazzjonijiet preċedenti ma inkludewx id-distinzjonijiet ibbażati fuq ir-responsabbiltajiet tal-familja, u minħabba l-importanza ta’ regolamenti f’dan ir-rigward, ġiet approvata l-Konvenzjoni Nru 156. Din il-Konvenzjoni tistabbilixxi, f’paragrafu 1 ta’ Artiklu 3, li *“Bil-ħsieb li toħloq ugwaljanza effettiva ta’ opportunità u trattament għall-ħaddiema rġiel u nisa, kull Membru għandu jagħmel għan tal-politika nazzjonali tiegħu li jippermetti lil dawk b’responsabbiltajiet tal-familja u li huma ingaġġati jew li jixtiequ jingaġġaw f’impjieg biex jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jagħmlu hekk mingħajr ma jkunu suġġetti għal diskriminazzjoni u, sakemm ikun possibbli, mingħajr kunflitt bejn xogħolhom u r-responsabbiltajiet tal-familja tagħhom”.*

Skont l-informazzjoni ppubblikata mill-ILO (Tabella 1), il-**Konvenzjoni Nru 100** ġiet ratifikata mill-Portugall fl-20 ta’ Frar 1967, minn Malta fid-9 ta’ Ġunju 1988 u mit-Turkija fid-19 ta’ Lulju 1967.

Il-**Konvenzjoni Nru 111** ukoll kienet ratifikata mit-tliet pajjiżi: il-Portugall fid-19 ta’ Novembru 1959, Malta fl-1 ta’ Lulju 1968 u t-Turkija fid-19 ta’ Lulju 1967.

Rigward il-**Konvenzjoni Nru 156**, nistgħu naraw li din ġiet ratifikata biss fil-Portugall, fit-2 ta’ Mejju 1985 u minn Malta ACT I of 2003, kif emendat b'AL 427 tal-2007; u Atti IV tal-2009, IX tal-2012 u XVIII tal- 2014.

Dwar il-**Konvenzjoni Nru 183**, li tirrevedi l-Konvenzjoni Nru 103,

ninnutaw li l-Portugall biss ittraspona l-Konvenzjoni Nru 103 u r-reviżjoni ratifikata tagħha fit-8 ta' Novembru 2012.

**Tabella 1 | Ratifikazzjoni tal-Konvenzjonijiet tal-ILO fuq l-Ugwaljanza tal-Ġeneru**

| Il-Konvenzjonijiet tal-ILO | Malta | Il-Portugall | It-Turkija |
|---|---|---|---|
| Konvenzjoni Nru 100 dwar ir-Remunerazzjoni Ndaqs tal-Irġiel u n-Nisa għal Xogħol ta' Valur Ugwali | IVA | IVA | IVA |
| Konvenzjoni Nru 111 dwar id-Diskriminazzjoni fix-Xogħol u l-Impjiegi | IVA | IVA | IVA |
| Konvenzjoni Nru 156 dwar l-Opportunitajiet Indaqs u t-Trattament Indaqs tal-Ħaddiema Rġiel u Nisa: Ħaddiema b'Responsabbiltajiet tal-Familja | **LE** | IVA | **LE** |
| Konvenzjoni Nru 103 dwar il-Ħarsien tal-Maternità u Nru 183, li temenda l-Konvenzjoni 103 | **LE** | IVA | **LE** |

## 3. TRASPOŻIZZJONI TAD-DIRETTIVI TAL-UNJONI EWROPEA

Fl-Unjoni Ewropea, sa mill-1975, ġew ippubblikati wkoll numru ta' direttivi maħsuba biex iġibu 'l quddiem l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' politiki li jeliminaw id-diskriminazzjoni tal-ġeneru, li hawn se nagħtu ħarsa lejhom:

- **Id-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE** tal-10 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa.
- **Id-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE** tad-9 ta' Frar 1976 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-impjiegi, it-taħriġ vokazzjonali u l-promozzjoni, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

- **Id-Direttiva tal-Kunsill 79/7/KEE** tad-19 ta’ Diċembru 1978 dwar l-implementazzjoni progressiva tal-prinċipju ta’ trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta’ sigurtà soċjali.
- **Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE** tad-19 ta’ Ottubru 1992 dwar l-implimentazzjoni ta’ miżuri li jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol tal-ħaddiema nisa tqal, ommijiet li weldu reċentament jew ommijiet li qed ireddgħu. (l-għaxar Direttiva speċjali fl-iskop tan-Nru 1 ta’ Artiklu 16 tad-Direttiva 89/391/KEE)
- **Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE** tas-27 ta’ Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għal trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol.
- **Id-Direttiva 2002/73/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill datata t-23 ta’ Settembru 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE dwar l–implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa f’dak li għandu x’jaqsam mal-aċċess għall-impjiegi, it-taħriġ vokazzjonali u l-promozzjoni, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol (it-test ŻEE relevanti) - Mill-15 ta’ Awwissu 2009, irrevokata bid-Direttiva *2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, bid-data tal-5 ta’ Lulju 2006
- **Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE** tat-13 ta’ Diċembru 2004, li timplimenta l-prinċipju ta’ trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta’ merkanzija u servizzi.
- **Id-Direttiva 2006/54/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill datata l-5 ta’ Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta’ opportunitajiet indaqs u ta’ trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta’ impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid).

Wara l-evalwazzjoni li għamilna, sibna li l-Portugall u Malta (pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea), permezz tal-ħarsa lejn il-liġi tax-xogħol, diġà għamlu t-

traspożizzjoni, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, tar-regolamenti relevanti li għandhom x'jaqsmu mal-promozzjoni tal-ugwaljanza tal-ġeneru u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa fix-xogħol.

Fil-każ tat-Turkija, sibna li, bħala pajjiż kandidat, tista' tagħżel li ma tittrasponix dawk id-direttivi. Madankollu, fuq livell nazzjonali, il-liġijiet li jilħqu d-direttivi u l-linji gwida tal-Unjoni Ewropea jistgħu jiġu approvati.

## 4. LEĠIŻLAZZJONI FUQ L-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET TAL-ĠENERU FIL-PAJJIŻI MSIEĦBA

Għall-iskop tal-analiżi tal-qafas leġiżlattiv u regolatorju dwar l-ugwaljanza tal-ġeneru li hu fis-seħħ, ġew definiti 5 dimensjonijiet. Hawn taħt issib tabella komparattiva li tqassar il-qafas leġiżlattiv f'livell nazzjonali fir-rigward tal-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni tal-ġeneru fix-xogħol u fl-impjiegi (Tabella 2).

**Tabella 2 | Ħarsien tal-ugwaljanza tal-ġeneru fil-qafas leġiżlattiv**

| Dimensjoni | Miżuri | Malta | Il-Portugall | It-Turkija |
|---|---|---|---|---|
| **Aċċess ugwali għal xogħol u impjiegi** | L-opportunitajiet tax-xogħol offruti mhumiex ibbażati fuq il-ġeneru. | IVA | IVA | IVA |
| | L-intervisti tax-xogħol ma jippermettux diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess. | IVA | IVA | **LE** |
| **Aċċess ugwali għal karriera professjonali** | In-nisa u l-irġiel għandhom aċċess għall-karriera bl-istess kundizzjonijiet. | IVA | IVA | IVA |
| | In-nisa għandhom l-istess opportunità ta' aċċess għal impjiegi għolja jew biex jibdlu l-karrieri professjonali tagħhom daqs l-irġiel. | IVA | IVA | **LE** |
| **Ugwaljanza fil-kategorija professjonali** | Il-kategoriji mhumiex maħluqa esklużivament għall-irġiel jew għan-nisa. | IVA | IVA | **LE** |
| | Fl-istess kategorija, il-pagi ma jistgħux ikunu differenti għall-irġiel u għan-nisa. | IVA | IVA | IVA |

| Dimensjoni | Miżuri | Malta | Il-Portugall | It-Turkija |
|---|---|---|---|---|
| **Aċċess ugwali għal taħriġ vokazzjonali** | In-nisa għandhom aċċess preferenzjali għal korsijiet ta' taħriġ vokazzjonali. | **LE** | IVA | **LE** |
| | In-nisa għandhom aċċess għal miżuri ta' riintegrazzjoni speċjali fuq l-impjiegi wara li jkunu waqfu mix-xogħol. | IVA | IVA | IVA |
| **Ugwaljanza fir-remunerazzjoni** | Żewġ ħaddiema għandhom jingħataw paga ndaqs jekk ikunu għamlu l-istess xogħol jew xogħol ekwivalenti għal ta' xulxin. | IVA | IVA | IVA |
| | Id-differenza fil-pagi tista' tkun ibbażata biss fuq kriterju oġġettiv komuni kemm għall-irġiel u kemm għan-nisa. | IVA | IVA | **LE** |

L-istħarriġ li sar kien ibbażat fuq il-qafas leġiżlattiv Portugiż dwar l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni tal-ġeneru u l-promozzjoni tal-ugwaljanza. Wara l-analiżi tal-informazzjoni miġbura mill-pajjiżi msieħba, sibna li, minkejja l-fatt li l-qafas leġiżlattiv Tork ma jantiċipax kull sitwazzjoni, b'differenza għal dak Portugiż u Malti, il-qafas Tork hu konċernat fuq l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni tal-ġeneru fix-xogħol u fl-impjiegi.

Tabella 3 tirrappreżenta sommarju komparattiv tat-tliet pajjiżi fuq id-Drittijiet tal-Ġenituri, jekk jipprovdux għan-nisa tqal, għall-omm, għat-tnejn (l-omm u l-missier) jew sempliċiment jekk jikkunsidrawhomx fil-qafas leġiżlattiv tagħhom.

**Tabella 3 | Applikazzjoni tal-benefiċċji tal-ġenituri**

| Miżuri | Malta | Il-Portugall | It-Turkija |
|---|---|---|---|
| *Leave* tal-ġenituri | GĦALL-OMM | GĦAT-TNEJN | GĦALL-OMM |
| Jipprovdi *leave* esklużiv tal-ġenituri għall-missier? | **IVA** | IVA | **LE** |
| Jipprovdi proċedura ta' eżenzjoni għat-treddigħ tal-omm? | GĦALL-OMM | GĦALL-OMM | GĦALL-OMM |

| Miżuri | Malta | Il-Portugall | It-Turkija |
|---|---|---|---|
| Jipprovdi proċedura ta' eżenzjoni għat-tisqija tat-tarbija mill-flixkun? | GĦAT-TNEJN | GĦAT-TNEJN | GĦALL-OMM |
| Jipprovdi assenza mix-xogħol għall-kura tat-tfal? | GĦAT-TNEJN | GĦAT-TNEJN | GĦAT-TNEJN |
| Jipprovdi *leave* għall-kura tat-tfal? | GĦAT-TNEJN | GĦAT-TNEJN | GĦAT-TNEJN |
| Jipprovdi *leave* għall-kura ta' wild b'diżabilità jew b'mard kroniku? | GĦAT-TNEJN | GĦAT-TNEJN | **LE** |
| Jipprovdi tnaqqis mistenni mill-ħin tax-xogħol għall-kura ta' tfal minorenni b'diżabilità jew b'mard kroniku? | GĦAT-TNEJN | GĦAT-TNEJN | **LE** |
| Jipprovdi xogħol *part-time* għall-ħaddiema b'responsabbiltajiet tal-familja? | GĦAT-TNEJN | GĦAT-TNEJN | **LE** |
| Jipprovdi sigħat flessibbli ta' xogħol lil ħaddiema b'responsabbiltajiet tal-familja? | GĦAT-TNEJN | GĦAT-TNEJN | **LE** |
| Jipprovdi eżenzjoni mis-sahra? | GĦAT-TNEJN | GĦAT-TNEJN | GĦALL-OMM TQILA |
| Jipprovdi eżenzjoni minn xogħol billejl? | GĦALL-OMM | GĦAT-TNEJN | GĦALL-OMM TQILA |

Fl-evalwazzjoni tal-miżuri għad-Drittijiet tal-Ġenituri sibna li fit-tliet pajjiżi n-nisa huma intitolati għal liċenzja jekk ikunu f'riskju kliniku, u hu fil-Portugall biss li din hi estiża f'każ ta' abort. F'dak li għandu x'jaqsam mal-*leave* tal-ġenituri, hu biss fil-Portugall li l-liċenzja tista' tinqasam bejn il-ġenituri (120, 150 jew 180 jum *leave* bi ħlas ta' 80%, 83% jew 100% skont is-sitwazzjoni magħżula mill-ġenituri.) F'Malta sibna li l-missier hu intitolat għal ġurnata *leave* bi ħlas, u hemm il-possibbiltà li l-omm jew il-missier jieħdu sa erba' xhur *leave* bla ħlas (sakemm it-tfal jilħqu t-8 snin). Sibna wkoll li fit-Turkija l-*leave* tal-ġenituri hu pprovdut biss għall-omm. Il-missier m'għandu l-ebda dritt għal *leave*, ħlief f'kumpaniji li għandhom in-negozjar kollettiv. Xi eżempji ta' dan in-negozjar jikkonċernaw kumpaniji li kisbu jumejn (2) jew erbat (4) ijiem *leave* lill-missier kemm f'Malta kif ukoll fit-Turkija. Fir-rigward tal-eżenzjoni għat-treddigħ jew għat-tisqija mill-flixkun, sibna li l-leġiżlazzjoni tal-Portugall biss ma tipprovdix li l-missier jista' jieħu vantaġġ

minn din il-liċenzja.

Mill-analiżi ta' sitwazzjonijiet ta' assenza/liċenzja għall-kura tat-tfal, naraw li din is-sitwazzjoni hi koperta fit-tliet pajjiżi imma huma biss il-leġiżlazzjonijiet tal-Portugall u ta' Malta li jestendu l-assenza/liċenzja għal wild minuri b'diżabilità jew b'mard kroniku għat-tnejn (l-omm u l-missier).

Mill-analiżi tas-sitwazzjonijiet ta' impjegati b'responsabbiltajiet tal-familja, dwar jekk jistgħux jieħdu vantaġġ minn xogħol *part-time* jew b'ħinijiet flessibbli, sibna li dawn is-sitwazzjonijiet ikopru l-irġiel u n-nisa fil-Portugall u f'Malta izda mhix ipprovduta fit-Turkija. L-istess hi s-sitwazzjoni għal eżenzjoni minn xogħol b'aktar sigħat jew għal eżenzjoni minn xogħol bil-lejl. Din tkopri kemm l-irġiel u n-nisa fil-Portugall u f'Malta, izda fit-Turkija mhix ipprovduta.

F'dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema nisa tqal, nisa li wildu dan l-aħħar jew nisa qed ireddgħu, sibna li l-qafas leġiżlattiv fit-tliet pajjiżi jipprovdi għall-ħarsien ta' ħaddiema f'din is-sitwazzjoni bl-istess mod li l-qafas regolatorju tat-tliet pajjiż jipprovdi għall-ħarsien tan-nisa f'każ ta' sensja.

Rajna li nevalwaw ukoll jekk il-qafas leġiżlattiv jipprovdix il-ħarsien ta' nisa f'riskju kliniku waqt it-tqala, is-saħħa u s-sigurtà fix-xogħol, u l-ħarsien tan-nisa f'każ ta' tkeċċija mix-xogħol (Tabella 4).

**Tabella 4 | Ħarsien tan-nisa jaħdmu f'sitwazzjoni ta' riskju jew ta' sensja**

| Measures | Malta | Il-Portugall | It-Turkija |
|---|---|---|---|
| Jipprovdi *leave* f'riskju kliniku waqt it-tqala u / jew twaqqif tat-tqala? | IVA | IVA | IVA |
| Jipprovdi saħħa u sigurtà għal ħaddiema tqal, li wildu dan l-aħħar, jew li qed ireddgħu? | IVA | IVA | IVA |
| Jipprovdi ħarsien f'każ ta' sensja? | IVA | IVA | IVA |

Skont l-informazzjoni miġbura, sibna li l-qafas leġiżlattiv fit-tliet pajjiżi hu kunsenswali u jesiġi lil min iħaddem biex jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema nisa, u biex iħarishom f'każ ta' sensja mix-xogħol minħabba t-tqala.

## 5. QAFAS GĦALL-UGWALJANZA TAL-ĠENERU FL-INDUSTRIJI TĦZ

Importanti li hawn jiġi enfasizzat li n-negozjar kollettiv għandu skopijiet differenti fit-tliet pajjiżi. Fil-Portugall, il-FESETE tinnegozja mal-assoċjazzjonijiet tal-impegaturi 8 kuntratti kollettivi ta' xogħol, li, permezz ta' ordinanzi ta' estensjoni, ikopru lill-ħaddiema kollha tal-industriji tat-tessuti, il-ħwejjeġ u ż-żraben. F'Malta u fit-Turkija, isir negozjar kollettiv minn kull kumpanija li jkopri l-ħaddiema tal-kumpaniji rispettivi. Dan ifisser li fi ħdan l-industrija stess, id-drittijiet jistgħu jvarjaw minn kumpanija għal oħra. Tajjeb jiġi nnutat ukoll li, barra minn hekk, fit-Turkija, in-negozjar kollettiv f'kumpanija hu possibbli biss meta minn tal-anqas 50% tal-ħaddiema tal-kumpanija jkunu membri fi *trade union.*

Minn dak li nistgħu nistabbilixxu mill-iżvilupp tal-ħidma tal-pajjiżi msieħba, minkejja li l-qafas leġiżlattiv jiddefinixxi l-minimu relatat mad-drittijiet tal-maternità u l-paternità, nistgħu naraw li dawn id-drittijiet huma estiżi f'kumpaniji fejn ġie żviluppat negozjar kollettiv. Fit-Turkija u f'Malta dawn huma applikati biss f'kumpaniji fejn l-organizzazzjoni tal-*union* ikun irnexxielha tistabbilixxi ftehim.

Il-kuntatt ta' bejn il-membri tal-pajjiżi msieħba ħareġ ukoll li minkejja l-fatt li wieħed mill-prinċipji tal-qafas leġiżlattiv li hemm fis-seħħ fit-tliet pajjiż qed jipprova jelimina d-diskriminazzjoni tal-ġeneru, għad hemm prattiċi li mhumiex konformi mar-regolamenti li hemm fis-seħħ.

Bi tqabbil sempliċi tal-pagi li jaqilgħu l-irġiel u n-nisa fl-industriji tat-tessuti, tal-ħwejjeġ, taż-żraben u tal-ġilda, kif muri fit-tabella t'hawn taħt, jidher ċar li n-nisa qed ikomplu jiġu diskriminati.

**Tabella 5 | Differenza fil-paga tal-irġiel u tan-nisa**

| Sena / Pajjiż | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Malta *** | - | 14.02% | 12.65% | 16.15% | 20.95% |
| **Il-Portugall **** | 25.65% | 24.05% | 23.08% | 23.19% | - |
| **It-Turkija **** | 2.32% | 2.46% | 2.44% | 4.24% | - |

* Ma rnexxilniex niksbu ċ-ċifri fuq il-pagi ta' Malta għas-sena 2009
** Ma rnexxilniex niksbu ċ-ċifri fuq il-pagi tal-Portugall u tat-Turkija għas-sena 2013

## 6. RAKKOMANDAZZJONIJIET

1. Għandhom jiġu mħarsa, fil-livell ta' negozjar kollettiv, modi li bihom jiġi organizzat il-ħin tax-xogħol biex jippermetti lill-ħaddiema jlaħħqu mal-ħajja tax-xogħol u tal-familja, li joħolqu servizzi ta' għajnuna għall-ħajja tal-familja (kura tat-tfal, kura tal-anzjani), kif ukoll modi li jħeġġu t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-kumpaniji, li jippromwovu t-tnaqqis tal-assenteiżmu u t-titjib tal-immaġini tal-industrija.
    - *Fit-Turkija, jiġu mħarsa forom ġodda ta' organizzazzjoni ta' sigħat ta' xogħol, li jippermettu li jkun hemm bilanċ bejn tal-ħajja tal-familja u dik professjonali.*
2. Għandha tingħata l-informazzjoni, titqajjem kuxjenza u tiġi promossa l-implimentazzjoni tad-drittijiet kemm tal-omm u kemm tal-missier li jaħdmu, inkluż il-*leave* tal-maternità/paternità, il-*leave* tal-ġenituri, il-*leave* għat-treddigħ/tisqija mill-flixkun, il-*leave* speċjali għall-kura tat-tfal u liċenzji oħra li jappoġġjaw lill-familja u l-parteċipazzjoni tal-

missier fil-ħajja tal-familja biex jinħoloq bilanċ akbar bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja tal-familja u l-ħajja tax-xogħol.

- *Għandhom jinġiebu 'l quddiem l-implimentazzjoni u l-infurzar effettiv tar-regolamenti, inkluż il-leave tal-ġenituri fil-Portugall.*
- *Għandu jinġieb 'il quddiem il-ħolqien ta' regolamenti ġodda bħal-leave tal-ġenituri fit-Turkija.*

3. Għandu jiġi żgurat li l-progress fil-karrieri professjonali joffri u jżomm opportunitajiet indaqs għall-irġiel u n-nisa.
4. Għandha tkun imħarsa, permezz ta' negozjar kollettiv, l-adozzjoni ta' kategoriji professjonali li jeskludu d-diskriminazzjoni tal-ġeneru; ikun promoss l-aċċess ugwali għal gruppi varji ta' kategoriji professjonali bl-għan li jkun hemm rappreżentazzjoni aktar bilanċjata tal-irġiel u n-nisa f'kategoriji differenti.
5. Għandhom jiġu adottati miżuri li jnaqqsu d-diskrepanza fil-pagi tal-irġiel u n-nisa, biex jintlaħaq l-għan ta' pagi ndaqs għal xogħol ugwali; titnaqqas l-inugwaljanza fil-pagi l-aktar bejn kategoriji professjonali ta' rġiel u nisa fl-istess kategorija professjonali.
6. Għandha tiġi stabbilita sistema ta' evalwazzjoni tal-impjiegi li tirregola l-qafas ġerarkiku tal-kategoriji professjonali varji tal-pagi, li tkun tassigura li ma jkunx hemm diskriminazzjoni u li biha jiġi applikat il-prinċipju ta' paga ndaqs għal xogħol tal-istess valur.
7. Għandu jkun żgurat li l-applikazzjoni ta' aspetti differenti tar-remunerazzjoni, bħal *allowances* għal ikliet jew tipi differenti ta' inċentivi, ikunu jissalvagwardjaw l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-maternità u l-paternità.
8. Għandhom jiġu żviluppati organizzazzjonijiet ta' *unions* li jassiguraw rappreżentazzjoni bilanċjata ta' rġiel u nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fl-attività trejdjunjonistika.

9. Għandhom ikunu żgurati kundizzjonijiet xierqa għall-irġiel u n-nisa ħalli jkollhom aċċess għal taħriġ vokazzjonali, kemm jista' jkun, fis-sigħat normali tax-xogħol.
10. Għandu jkun hemm parteċipazzjoni attiva fil-ħarsien tal-kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol għall-ħaddiema kollha biex tinħoloq kultura ta' prevenzjoni mingħajr diskriminazzjoni.

**Sħubija:**

FESETE

GWU

DİSK

TEKSTİL

B'kofinanzjament mal-

**Unjoni Ewropea**